FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-12 TA' JANNAR 2001

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
FRANCIS AZZOPARDI
ANTHONY CASSAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Francis Azzopardi ta' 47 sena, bin il-mejjet George u Maria Dolores nee Saliba, imwieled Qormi fit-8 ta' Jannar 1953, residenti 5, Triq San Pawl Qormi, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 77053M u Anthony Cassar, ta' 48 sena, bin il-mejtin Carmelo u Dolores nee Grech, imwieled Hal Qormi fis-27 ta' Marzu 1951, residenti 43, Triq Valletta, Qormi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 306051M talli nhar is-16 ta' April 2000, ghal habta tas-sebgha ta' filghodu, f'Tigne, Sliema, ikkommettew serq ta' hames sollijiet tal-irham, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira (Lm1000), ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe l-oggetti indikati fl-ewwel akkuza, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-12 ta' Jannar 2001 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 334, tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

DEP.REG.